Kwot. Nru. E0094. *Kochers haemostatic forceps 6'.*
Kwot. Nru. E0095. *Disposable oxygen cylinders covers.*

Il-kwotazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Aktar tagħrif dwar il-kwantità u l-kondizzjonijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-18 ta' Frar, 2005

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations will be received up to 9.00 a.m. on Thursday, 10th March, 2005, for the supply of:-

Quot. No. E0079. Airways size O.
Quot. No. E0080. Tubes endotracheal plain size 2.
Quot. No. E0081. Urine toxicology controls.
Quot. No. E0082. Dental cotton rolls.
Quot. No. E0083. HBS AG confirmatory reagent.
Quot. No. E0084. Anaerobic jars.
Quot. No. E0085. Sterile swabs in peel pouches.
Quot. No. E0086. Disposable wintrobe tubes.
Quot. No. E0087. Parts for Qxoid anaerobic jars HP11.
Quot. No. E0088. Eye protection surgery glasses.
Quot. No. E0089. Plastic amalgam carriers.
Quot. No. E0090. Prophylaxis brushes.
Quot. No. E0091. Paper pint sizes 45 – 80.
Quot. No. E0092. Amputation accessories 1.
Quot. No. E0093. Haemostatic A/forceps.
Quot. No. E0094. Kochers haemostatic forceps 6'.
Quot. No. E0095. Disposable oxygen cylinders covers.

All quotations listed above can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

18th February, 2005

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali Saħħa jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-22 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. CAPT 3/05. *Aerosol therapy unit.*

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kondizzjonijiet ta' din l-offerta jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti, Bini tas-Servizzi Mediċi, Pjazza San Luqa, Guardamangia, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m.

It-18 ta' Frar, 2005

HEALTH DIVISION

The Director General Health notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 22nd March, 2005, for:-

Advt. No. CAPT 3/05. Aerosol therapy unit.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St. Luke's Square, Guardamangia, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

18th February, 2005

DIPARTIMENT TA' L-AGRIKOLTURA

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Marzu, 2005, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 01/05. Provvista u konsenja sa massimu ta' erbgħin (40) tunnellata metrika ta' *pellets* għall-fniek fi xkejjer tal-karti li jesgħu 25kg kull waħda, lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura għal perjodu ta' tnax-il xahar.

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kondizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Provvisti, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-18 ta' Frar, 2005

DEPARTMENT OF AGRICULTURE

The Director of Agriculture notifies that:–

Sealed tenders will be received in the Tender Box at the Department of Corporate Services of the Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, up to 10.00 a.m. on Wednesday, 2nd March, 2005, for:–

Advt. No. 01/05. Supply and delivery of up to forty (40) metric tonnes of rabbit pellets in paper bags containing 25 kgs each to the Department of Agriculture for a period of twelve months.

Forms of tenders and other information regarding this tender may be obtained from the Supplies Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, during normal office hours.

18th February, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi qed iniedi sejħa għal espressjoni ta' interess għal:-

Espressjoni ta' Interess Nru. MCAST 03/05. Shubija ma' ditta/i lokali biex jistabbilixxu Faċilità ta' Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali għal *demonstration* ta' teknoloġija komposta relatata mad-distribuzzjoni moderna ta' kanen u sistemi ta' kumnikazzjoni.

Huwa importanti ħafna li din hija sejħa għal shubija u mhux talba mill-MCAST biex tixtri apparat.

L-apparat biex issir *demonstration* ikun installat fl-MCAST, madankollu studenti u *staff* għandu jkollhom aċċess għall-faċ ilitajiet u l-proċess tal-manifattura. Partijiet interessati għandhom jibagħtu l-proposti tagħhom lill-Kontrollur Finanzjarju, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.

Il-proposti għandhom jintefgħu fil-kaxxa apposta mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-28 ta' Frar 2005.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi wieħed jikkuntattja lid-Direttur ta' l-Istitut ta' l-Inġinerija tal-Bini u Kostruzzjoni fuq in-Numru tat-Telefon 21 423626.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta kull applikazzjoni jew l-applikazzjonijiet kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

It-18 ta' Frar, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is calling for an expression of interest for:-

Expression of Interest No. MCAST 03/05. A partnership with a local firm/s to establish a Vocational Education and Training Facility for the demonstration of composite technology related to modern pipe distribution and connecting systems.

It must be stressed that this is a call for a partnership and not a request by MCAST to purchase equipment.

The demonstration equipment will be installed at MCAST, however students and staff would have access to manufacturing facilities and processes. Interested parties should send their proposal to the Financial Controller, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola.

Proposals should be deposited in the appropriate box by not later than noon of Monday, 28th February 2005.

Further information can be obtained by contacting the Director of the Institute of Building and Construction Engineering on Telephone Number 21 423626.

Late applications will not be considered.

The College reserves the right to refuse any or all applications, even the most advantegeous.

18th February, 2005

QRATI TAL-ĠUSTIZZJA

L-Aġent Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Frar, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Dipartiment tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, minn nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Jannar 2005, għal:-

Avviż Nru. CJ 1/05 File OR 12/2000/03. Taqsima ta' l-Arkivji Ġdida u estensjoni għall-Uffiċċju tat-Talbiet Żgħar, offerta għal alterazzjoni strutturali u xogħlijiet ta' finituri fil-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Dokumenti ta' l-offerta, li jinkludu skeċċ dettaljat jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment, Finanzi u Amministrazzjoni, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, fuq ħlas ta' Lm15.

It-18 ta' Frar, 2005

COURTS OF JUSTICE

The Acting Director General, Courts of Justice, notifies that:–

Sealed tenders will be accepted in the tender box at the Department of Finance and Administration, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, from Friday, 28th January 2005 up to 10.00 a.m. of Friday, 25th February 2005, for:-

Advt. No. CJ 1/05 File OR 12/2000/03. New Archives Section and extension to the Office for Small Claims, tender for structural alterations and finishing works at the Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Tender documents, including detailed drawings are available at the Department, Finance and Administration, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta at a cost of Lm15.

18th February, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 1/05. 100 siġġu tubulari bid-dahar u s-sedil ta' l-injam.

Kwot. Nru. 2/05. Provvista ta' 15-il armarju tal-klassi bl-ixkaffar.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu wara li japplikaw għalihom mill-Uffiċċju ta' l-Iskola Primarja B Dott. F. Chetcuti, Ħaż-Żabbar, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqin f'envelopp indirizzat minn qabel u mitfugħ fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet fl-Uffiċċju ta' l-Iskola, f'45, Triq Dingli, Ħaż-Żabbar.

It-18 ta' Frar, 2005

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed quotations will be received up to noon on Friday, 11th March, 2005, for:-

Quot. No. 1/05. 100 student tubular chairs with wooden seats and backs.

Quot. No. 2/05. Supply of 15 classroom cupboards with shelving.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Office of Dr F. Chetcuti Primary School B, Żabbar, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at the Office of the School, at 45, Triq Dingli, Żabbar.

18th February, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI –
SKOLA PRIMARJA 'A' IR-RABAT, MALTA

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-15 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:

Kwot. Nru. F.S.Q. 01⁄05. Xiri ta' *digital photocopier* fl-Iskola Primarja Pawlu Xuereb 'A', ir-Rabat.

L-offerti jridu jsiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kondizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola fl-iskola imsemmija hawn fuq, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u s-1.30 p.m.

Il-kwotazzjonijiet iridu jkunu magħluqa fl-envelop bl-indirizz diġà miktub u jintefgħu fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet, li tinsab fl-uffiċċju tal-kap ta' l-iskola.

It-18 ta' Frar, 2005

EDUCATION DIVISION –
PRIMARY SCHOOL 'A' RABAT, MALTA

The Director of Education notifies that sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. on Tuesday, 15th March, 2005, for:

Quot. No. F.S.Q. 01⁄05. Purchase of digital photocopier for Pawlu Xuereb Primary School 'A', Rabat.

Offers should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained from the Head of School's Office at the above school, on any working day between 8.30 a.m. and 1.30 p.m.

Quotations should be enclosed on the ready addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at the head of school's office.

18th February, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services,* fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Marzu, 2005, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. D. Cust. S. 3/05. Provvista u konsenja ta' drapp tal-purtieri, inforra u *tape* tal-purtieri għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tat-Teżor, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex u mit-Taqsima tal-Provvisti, Bini Amministrattiv Ġdid, Sptar San Luqa, Guardamangia, Malta, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-18 ta' Frar, 2005

MINISTRY FOR GOZO

The Director Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Treasury Section, Victoria, Gozo by not later than 11.00 a.m. of Friday, 11th March, 2005, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 3/05. Supply and delivery of material for curtains, lining and curtian tape for the Gozo General Hospital.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Treasury Section, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo and Supplies Section, New Administration Building, St Luke's Hospital, Guardamangia, Malta, on any working day during office hours.

18th February, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

Iċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-22 ta' Frar, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/002/05. Provvista ta' *expert trainer* biex jipprovdi korsijiet għat-*trainees* biex ikunu jistgħu jedukaw lil min qed ifittex xogħol biex iżuru d-djar u jwasslu edukazzjoni dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

*Avviż Nru. WSM/007/05. Kuntratt perjodiku għar-riċiklaġġ ta' kartun.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż Nru. WSM/008/05. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' servizzi ta' arkitettura.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

It-18 ta' Frar, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by noon on Tuesday, 22nd February, 2005, for:–

Advt. No. WSM/002/05. Provision of expert trainer to provide courses for trainees to enable them to educate job seekers to perform house visits and disseminate education about waste management.

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by noon on Friday, 4th March, 2005, for:–

*Advt. No. WSM/007/05. Period contract for the recycling of cardboard.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advt. No. WSM/008/05. Period contract for the provision of architectural services.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

*Advertisements appearing for the first time

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

18th February, 2005

STAMPERIJA TAL-GVERN

L-Aġent Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 3/2005. *Imagesetter Graphic Art Films.*

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-i*Store Procurement Section,* Stamperija tal-Gvern, 29A, Qasam Industrijali, il-Marsa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-18 ta' Frar, 2005

GOVERNMENT PRINTING PRESS

The Acting Director, Government Printing Press, notifies that:–

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 4th March, 2005, for:–

Advt. No. 3/2005. Imagesetter Graphic Art Films.

Forms of tender may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

18th February, 2005

ORGANIZZAZZJONI TA' L-EUROCONTROL

L-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tgħarraf illi:-

Jintlaqgħu Sejħiet ta' Interess rigward proġett kapitali ta' manutenzjoni u appoġġ ta' software bl-isem ta' "ASMT Maintenance and Operational Support".

Se ssir laqgħa biex jitfissru materji relatati mal-proġett fl-24 ta' Frar, 2005, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Eurocontrol.

Wieħed jista' jikkonsulta l-*website:*
http://www.eurocontrol.int/corporate/public/sitepreferences/display ordered list 3.html

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn: Sophie Altan, EUROCONTROL, Taqsima tal-*Procurement* u *Special Agreements*, 96, Rue de la Fusee, B - 1130, Bruxelles - Belgium, Numru tat-Telefon: +32 2 729 3234, *Fax*: +32 2 729 9142, *e-mail:* sophie.altan@eurocontrol.int.

It-18 ta' Frar, 2005

EUROCONTROL ORGANISATION

The Eurocontrol Organisation notifies that:-

Calls for Interest relating to a major software maintenance and support project called "ASMT Maintenance and Operational Support".

An explanatory workshop will be held on 24th February 2005 relating to the project in Eurocontrol's Headquarters.

One can consult the website:
http://www.eurocontrol.int/corporate/public/sitepreferences/display ordered list 3.html

Further information may be obtained from: Sophie Altan, EUROCONTROL, Procurement and Special Agreements Section, 96, Rue de la Fusee, B - 1130, Bruxelles - Belgium, Telephone Number: +32 2 729 3234, Fax: +32 2 729 9142, e-mail: sophie.altan@eurocontrol.int.

18th February, 2005

KUNSILL LOKALI XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali Xagħra jgħarraf illi sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Marzu 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali Xagħra, Vjal it-8 ta' Settembru, ix-Xagħra, għal:

1. Servizz ta' *handyman*
2. Bini ta' ħitan tas-sejjieħ u tal-franka u tas-sejjieħ
3. *Contract management* fuq il-kuntratti ta' ġbir ta' l-iskart, minn toroq mhux urbani, manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq u l-knis u t-tindif tat-toroq.

Id-dokumenti ta' l-offerti jinġabru mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għal ħlas ta' Lm15 kull offerta.

Il-Kunsill jista' jirrifjuta kwalunkwe offerta inkluż l-iktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Frar, 2005

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council notifies that sealed tenders will be received at Xaghra Local Council offices, Vjal it-8 ta' Settembru, Xagħra up to 11.00 a.m. of Friday, 18th March 2005, for:

1. Handyman service
2. Building of franka and rubble walls and
3. Contract management for refuse collection, non-urban roads, maintenance of signs and markings and street sweeping and cleaning contracts.

The tender documents can be collected from the Council administrative offices against payment of Lm15 for each tender.

The Council retains the right to refuse any offer even the most advantageous.

18th February, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

302

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar 2005, fil-kawża Ċitazz. Numru 311/97 ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-attur appellat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża fl-ismijiet Martin Azzopardi vs Giuseppa Azzopardi Ċitazz 311/97, quddiem il-Qorti ta' l-Appell, il-kawża hawn fuq ċitata ġiet appuntata għas-smigħ għal nhar it-Tnejn, għaxra (10) ta' Jannar 2005 fid-9.00 a.m. u differita għas-7 ta' Frar 2005 fid-9.00 a.m., u differita għall-14 ta' Marzu 2005, fil-11.30 a.m.

Notifika: Martin Azzopardi
36, Rukkell Agius, Kerrejja,
Qormi Road,
Ħamrun.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 15 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 8th February 2005, in the case Writ of Summons number 311/97 ordered the following publication for the purpose of service of the respondent plaintiff in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the written procedures in the cause in the names Martin Azzopardi vs Giuseppa Azzopardi Writ of Summons Number 311/97, before the Court of Appeal, have been closed, the cause above mentioned was appointed for hearing for Monday, tenth (10) of January 2005 at 9.00 a.m., and put off to the 7th February 2005 at 9.00 a.m., and put off to the 14th March 2005, at 11.30 a.m.

Notify: Martin Azzopardi
36, Rukkell Agius, Kerrejja,
Qormi Road,
Ħamrun.

Registry of the Superior Courts (Appeal) today 15th February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

303

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Diċembru 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Petrolea Limited ta' Nru 17, Bishop Labini Street, Birkirkara BKR 01 ippreżentaw Talba fit-28 ta' Jannar 2004 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Noel Zammit ta' Noel Household, San Ġwann SĠN 08 iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mitejn u disa' u disgħin lira Maltija u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm1,299.45) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 238/04PM) hija differita għat-28 ta' Frar 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Frar 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 9th December 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Petrolea Limited of No 17, Bishop Labini Street, Birkirkara BKR 01 filed a Claim on the 28th January 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Noel Zammit of Noel Household, San Ġwann SĠN 08 to pay the plaintiff company the sum of one thousand two hundred and ninty nine Maltese liri and forty five cents (Lm1,299.45) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 238/04PM) is put off for the 28th February 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 15th February 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

304

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2004 fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fis-17 ta' Mejju 2004, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Alfred Williams (ID Numru 581651M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fis-17 ta' Mejju 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, lil Alfred Williams ID Numru 581651(M) is-soċjetà mittenti Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti jew li jistgħu jkunu sofferti, mis-soċjetà mittenti bħala riżultat tal-ħruġ ta' dokumentazzjoni falza, qerq, frodi aġir frawdolenti u/jew aġir ieħor illegali jew abbużiv, minnek prattikati fit-transazzjonijiet bankarji mal-fergħa tas-soċjetà mittenti f'Raħal Ġdid.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Din l-interpellanza qed issir mingħajr preġudizzju għad-drittijiet kollha spettanti lill-mittenti kontra tiegħek u għall-pożizzjoni tas-soċjetà mittenti fl-azzjoni kriminali permezz tad-debitu rapport lil Pulizija Eżekuttiva.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimat: 1. Alfred Williams
81, Triq il-Vitorja, Isla.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 15th July 2004 in the records of the judicial letter filed on the 17th May 2004, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Alfred Williams (ID Number 581651M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed on the 17th May 2004 in the First Hall Civil Court, against Alfred Williams ID Number 581651(M) the interpellant company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you come forward to the liquidation and payment of damages suffered or that can be suffered, by the interpellant company as a result of the issuing of false documentation, deceit, fraud, fraudulent behaviour and/or other illegal or abusive behaviour, practiced by you in banking transactions with the interpellant's Branch in Paola.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

This calling is being made without prejudice to all the rights due to the interpellants against you and as regards the position of the interpellant company in the criminal action by means of the appropriate report to the Executive Police.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent. 1. Alfred Williams
81, Victory Street, Senglea.

Registry of the Superior Courts today 14th February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

305

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru 2004 fl-atti ta' l-ittra uffiċjali preżentata fid-19 ta' Awissu 2004, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Christian Farrugia (ID Numru 528574M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Awissu 2004, lil Christian

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 6th October 2004 in the records of the judicial letter filed on the 19th August 2004, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Christian Farrugia (ID Number 528574M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 19th August 2004, against

Farrugia, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn thallas is-somma ta' mitejn u sitta u sittin lira Maltija u tmintax-il ċenteżmu (Lm266.18) bilanċ għad-debitu fil-'Credit Card Account' tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimat: Christian Farrugia (ID Numri 528574 (M)
Flaminia, Triq Birguma,
Naxxar.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Christian Farrugia, the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of two hundred and sixty six liri and eighteen cents (Lm266.18) balance of debt in your 'Credit Card Account' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st April 2004 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Christian Farrugia (ID Number 528574M)
Flaminia, Birguma Street,
Naxxar.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 15th February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

306

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Jannar 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116, Triq l-Arċisqof, Valletta, ippreżentaw talba fit-3 ta' Settembru 2004, fejn talbu lill-Qorti sabiex jikkundanna lil Michael Azzopardi (Kart ta' l-ID Nru 29171(M)) ta' 77, Triq is-Sur, l-Isla, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn, disa' mija u sebgħin lira Maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm2,970.91) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 483/04SM) hija differita għall-1 ta' Marzu 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 16 ta' Frar 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 10th January 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116, Triq l-Arċisqof, Valletta, filed a Claim on the 3rd September 2004, whereby they asked the Court to condemn Michael Azzopardi (ID Card No 29171(M)) of 77, Triq is-Sur Senglea, to pay the plaintiff company the sum of two thousand nine hundred and seventy Maltese liri and ninty one cents (Lm2,970.91) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 483/04 SM) is put off to the 1st March 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th February 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

307

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet tal-11 ta' Mejju 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 1169⁄2004 datata 1 ta' April 2004, HSBC Bank Malta p.l.c. C 3177 vs Mary Grace sive Grace Aquilina ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata, fl-1 ta' April 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili lil Mary Grace sive Grace Aquilina, Santa Marija, Plot 5, Triq il-Bajjada, Marsa s-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. ta' 116, Triq l-Arċisqof, Valletta tirreferilek għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit datat 26 ta' Novembru 2002 (Dokument HSBC 1) u tinterpellak sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum inti tħallas is-somma komplessiva ta' għaxart elef u mija u wieħed liri Maltin u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm10,101.33) dovut a tenur ta' l-istess kuntratt oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-28 ta' Settembru 2002, sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas is-soċjetà mittenti tavżak li ser jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Din l-ittra hija rikjesta mil-liġi u qed tintbagħat sabiex tirrendi l-kuntratt surreferit eżegwibbli u dana a tenur ta' l-Artikoli 253(b) u 256(2) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree of the 11th May 2004, in the records of the judicial letter bearing number 1169⁄2004 dated 1st April 2004, HSBC Bank Malta p.l.c. C3177 vs Mary Grace sive Grace Aquilina ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed, on the 1st April 2004, in the First Hall Civil Court against Mary Grace sive Grace Aquilina, Santa Marija, Plot 5, Bajjada Street, Marsa, the company HSBC Bank Malta p.l.c. of 116, Archbishop Street, Valletta refers you to the contract of constitution of debt in the records of Notary Dr Jonathan Zammit dated 26th November 2002 (Document HSBC1) and calls upon you so that within seven days from today you pay the global sum of ten thousand and hundred and one Maltese liri and thirty three cents (Lm10,101.33) due in terms of the same contract besides legal interests at the rate of 8% per annum from the 28th September 2002, till the date of effective payment.

Failing payment the interpellant company warns you that further Court action will be taken against you in execution of their executive title without prior notice.

So much so that you may know to regulate yourselves.

This letter is required by law and is being sent to render the contract above referred to executable and this in terms of Articles 253(B) and 256 (2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 15th February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

308

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 18 ta' Diċembru 2003, fl-ismijiet HSBC Home Loans (Malta) Ltd (C 1000) vs Massa Maryanne (ID 607857M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali, ippreżentata, fit-18 ta' Diċembru 2003, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, lil Massa Maryanne, 61⁄62, Main Street, Ħal Balzan, is-soċjetà HSBC Home Loans (Malta) Limited (C 1000) ta' Spencer Gardens, Blata l-Bajda ġġib a formali konjizzjoni tiegħek il-fatt li inti tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 18th June 2004 in the records of the judicial letter dated 18th December 2003, in the names HSBC Home Loans (Malta) Ltd (C 1000) vs Massa Maryanne (ID 607857M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter, filed, on the 18th December 2003, in the First Hall Civil Court, against Massa Maryanne, 61⁄62, Main Street, Balzan, the company HSBC Home Loans (Malta) Limited (C 1000) of Spencer Gardens, Blata l-Bajda, brings to your formal notice the fact that you are in delay in the payments of loan given to you in virtue of a contract in

tan-Nutar Miriam Spiteri Debono datat 2 ta' Lulju 1993 fl-ammont ta' ħames mija u tmintax lira Maltija u sittax-il ċenteżmi (Lm518.16).

Ai termini ta' l-istess kuntratt inti titlef il-beneficċju tat-terminu mogħti lilek u l-bilanċ intier ta' sitt elef u seba' liri Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm6,007.82) isir dovut jekk ma ġġibx il-pagamenti arretrati in regola fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' din l-ittra.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi il-preskrizzjoni, u għalhekk hija rikjesta mill-Liġi ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodi-ċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Frar 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the records of Notary Miriam Spiteri Debono dated 2nd July 1993 in the amount of five hundred and eighteen Maltese liri and sixteen cents (Lm518.16).

In terms of the same contract you loose the benefit of time given to you and the entire balance of six thousand and seven liri and eighty two cents (Lm6,007.82) becomes due if you do not bring the arrears due up to date within fifteen (15) days from the date of service of this letter.

This letter shall serve to interrupt prescription and is thus required by Law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 16th February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

309

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), tat-22 ta' Novembru 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fuq talba ta' Deliotte & Touche Limited ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil Zen Corporation Limited (C32546) rigward Avviż Numru 639/04MM u fl-atti ġudizzjarji relattivi fejn l-imsemmija soċjetà esponiet:

Illi s-soċjetà konvenuta Zen Corporation Limited (C32546) għandha tiġi kkundannata sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn u mitejn u tnejn u erbgħin lira Maltija (Lm2,242) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rappresentanti servizzi ta' kontabilità u konsulenza.

Att: 1, Col. Savona Street, Sliema SLM 07.
Konvenut: 1, Col Savona Street, Sliema SLM 01.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 22nd November 2004, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the application of Deliotte & Touche Limited it was ordered the selection of Deputy Curators to represent Sun Corporation Limited in the case Notice Number 639/04MM and in the relative judicial acts where the said commercial plaintiff pleaded:

That the defendant company Zen Corporation Limited (C32546) has to be condemned to pay the commercial society the sum of two thousand two hundred and forty two Maltese liri (Lm2,242) which amount is due to the plaintiff company representing accountancy and consultancy services.

Plaintiff: 1, Col Savona Street, Sliema.
Defendant: 1, Col Savona Street, Sliema.

Your are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Michael Mallia, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 22 ta' Novembru 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Frar 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Michael Mallia, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 22nd November 2004,

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 16th February 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

310

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Mejju 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 25 ta' Frar 2004, numru 631/04 HSBC Home Loans (Malta) Limited (C1000) vs Mario u Phyllis konjugi Cini, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187 (3) Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-25 ta' Frar 2004, lil Mario Cini Karta ta' l-ID Card Nru. 89355(M), Phyllis Cini Karta ta' l-ID Card Nru. 800151(M), 34, Blokk B, Binja Qlejgħa, l-Imtarfa, limiti tar-Rabat, (Notifika kull wieħed), is-soċjetà HSBC Home Loans (Malta) Limited C -1000 ta' 116, Triq l-Arċisqof, Valletta tirreferilkom għall-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Philip Said datat 8 ta' Lulju 1992 u tinterpellakom sabiex fi żmien erbat ijiem mil-lum intom tħallsu s-somma ta' ħamest elef, mija u sebgħa u sittin lira Maltija u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm5,167.42) rappreżentanti l-bilanċ fuq Loan Account bin-numru 82000210 oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mill-1 ta' Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra hija rikjesta mil-liġi u qed tintbagħat sabiex tirrendi l-kuntratt surreferit eżegwibbli u dana a tenur ta' l-Artikoli 253 (b) u 256 (2) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Fin-nuqqas ta' ħlas, is-soċjetà mittenti tavżakom li ser jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Frar 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 28th May 2004, in the records of the judicial letter dated 25th February 2004, number 631/04 HSBC Home Loans (Malta) Limited (1000) vs Mario and Phyllis spouses Cini, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed on the 25th February 2004, against Mario Cini ID Card No. 89355(M), Phyllis Cini ID Card No. 800151(M), 34, Block B, Binja Qlejgha, Mtarfa, limits of Rabat (Separate Service) the company HSBC Home Loans (Malta) Limited C-1000 of 116, Archbishop Street, Valletta refers you to the contract of loan in the records of Notary Philip Said dated 8th July 1992 and calls upon you so that within four days you pay the sum of five thousand, one hundred and sixty seven Maltese liri and forty two cents (Lm5,167.42) representing balance on loan account with number 82000210 besides legal interest at the rate of 8% per annum from the 1st October 2003 till the date of effective payment.

This letter is required by law and is being sent in order to render the contract above mentioned executable and this in terms of Article 253(b) and 256(2) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

Failing payment, the interpellant company warns you that further Court action shall be taken against you in execution of their executive title without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 9th February 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

311

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar 2005, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 780⁄00 JRM, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Dott. Harry Vassallo, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

